VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,637, 13 ta' Settembru, 2016
Taqsima B

A.L. 296 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce – B. Com. – u Bachelor of Commerce (Honours) – B. Com. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2006 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Commerce - B. Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B. Com. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 25 tal-2006, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (ċ) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (b) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"*jew* (ċ) jekk jagħżlu 'Economics' u 'Management' bħala ż-żewġ oqsma ta' speċjalizzazzjoni, għandhom ikollhom id-Diploma in Commerce mogħtija mill-Università ta' Malta. Suġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Prinċipali, dawn l-applikanti jistgħu jitħallew mill-Bord jittrasferixxu dawn il-kretti għall-Kors. L-għadd ta' kretti li jistgħu jiġu trasferiti m'għandux jaqbeż is-60 krettu ECTS."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) Il-kors għall-grad ta' Bachelor of Commerce jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew ħames snin fuq bażi *part-time*.

(2) Il-kors għall-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew seba' snin fuq bażi *part-time*."

Iż-Żieda tal-ordinament 17 mal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinament 17 li ġej għandu jidħol wara l-ordinamenti 16 tal-ordinamenti prinċipali:

"**Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time***

17. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors."